

31996L0096

17.2.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 46/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/96/KE**ta' l-20 ta' Diċembru 1996****dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-testijiet dwar jekk il-vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189ċ tat-Trattat ⁽³⁾,

(1) Filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill 77/143/KEE tad-29 ta' Diċembru 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' testijiet dwar il-kondizzjoni tajba ta' vetturi għas-sewqan u l-karrijiet tagħhom ⁽⁴⁾ ġiet sostanzjalment emendata f'numru ta' okkażjonijiet; filwaqt li, issa li trid tiġi iktar emendata, id-Direttiva għandha, għal raġunijiet ta' ċarezza, tiġi konsolidata f'test wieħed;

(2) Filwaqt li, fil-qafas tal-politika tat-trasport komuni, ċertu traffiku tat-triq fi ħdan il-Komunità għandu jopera taħt l-iktar ċirkostanzi favorevoli fejn għandha x'taqsam kemm is-sigurtà u kemm il-kondizzjonijiet kompetittivi li japplikaw għal trasportaturi fl-Istati Membri;

(3) Filwaqt li ż-żieda tat-traffiku tat-triq u ż-żieda riżultanti f'perikolu u sikkaturi jippreżentaw l-Istati Membri kollha bi problemi ta' sigurtà ta' xorta u serjetà simili;

(4) Filwaqt li l-istandards u l-metodi preżenti ta' testing ivarjaw minn Stat Membru wieħed għall-ieħor u din is-sitwazzjoni taffettwa l-ekwivalenza tas-sigurtà u l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali ta' vetturi eżaminati li joperaw fl-Istati Membri; filwaqt li, barra minn hekk, dan l-istat ta' ċirkostanzi x'aktarx jiddisturba l-kondizzjonijiet li jiggvernaw il-kompetizzjoni bejn impriżi ta' trasport ta' l-Istati Membri varji.

(5) Filwaqt li huwa għalhekk neċessarju li tkun armonizzata sa fejn hu prattikabbli l-frekwenza ta' testijiet u l-oġġetti li jkunu eżaminati ta' bilfors.

(6) Filwaqt li t-testing tul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-vettura għandu jkun relattivament sempliċi, ta' malajr u mhux għali;

(7) Filwaqt li l-istandards minimi Komunitarji u l-metodi li għandhom jintużaw għat-testing ta' l-oġġetti mniżżla fl-Anness II għandhom għalhekk ikunu definiti f'Direttivi separati;

(8) Filwaqt li, bħala miżura transitorja, l-istandards nazzjonali jibqgħu applikabbli fejn għandhom x'jaqsmu oġġetti mhux koperti mid-Direttivi separati;

(9) Filwaqt li hu neċessarju li jkun hemm adattament rapidu mal-progress tekniku ta' l-istandards u l-metodi stabbiliti fid-Direttivi separati u, sabiex ikun hemm faċilitazzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan l-iskop, li tkun stabbilita proċedura għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan kumitat dwar l-adattament għall-progress tekniku tat-testijiet tal-kondizzjoni tajba tal-vetturi għas-sewqan.

(10) Filwaqt li fejn għandhom x'jaqsmu s-sistemi tal-brejkijiet ikun prematur li jiġu stabbiliti valuri għas-*settings* tal-pessjoni ta' l-arja u l-ħinijiet ta' akkreximent, eċċ. min-ħabba d-differenza fit-tagħmir u l-metodi fi ħdan il-Komunità;

⁽¹⁾ ĠU C 193, ta' l-4.7.1996, p. 5 u 31.

⁽²⁾ ĠU C 39, tat-12.2.1996, p. 24.

⁽³⁾ L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Frar 1996 (ĠU C 78, tat-18.3.1996, p. 27), Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 1996 (ĠU C 248, tas-26.8.1996, p. 49) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 Ottubru 1996 (ĠU C 347, tat-18.11.1996).

⁽⁴⁾ ĠU L 47, tat-18.2.1977, p. 47. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 94/23/KE (ĠU L 147, ta' l-14.6.1994, p. 6).

- (11) Filwaqt li hija l-intenzjoni li din id-Direttiva tkun emendata iktar sabiex tinkludi metodoloġija armonjuża u ta' eżami aħjar;
- (12) Filwaqt li, sa dak iż-żmien li jkun hemm proċeduri u prattiċi ta' test armonjuż, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-ġudizzju tagħhom dwar il-proċedura tat-test li jużaw sabiex jistabbilixxu jekk il-vetturi konċernati jilhqgħu l-ħtiġiet ta' brejkijiet;
- (13) Filwaqt li kull Stat Membru għandu jassigura, fi ħdan l-arja tiegħu ta' ġurisdizzjoni, li t-testijiet dwar il-kondizzjoni tajba tal-vetturi għas-sewqan huma mmexxija metodikament u jkunu ta' standard għoli;
- (14) Filwaqt li l-Kummissjoni għandha tivverifika l-applikazzjoni prattika ta' din id-Direttiva u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'intervalli regolari dwar is-sejbiet tagħha;
- (15) Filwaqt li hu magħruf minn dawk kollha kkonċernati bit-testing tal-vetturi li l-metodu ta' testing u, b'mod partikolari, jekk il-vettura hi eżaminata f'kondizzjoni mgħobbija, parzjalment mgħobbija jew mhux mgħobbija, jistgħu jinfluwenzaw il-grad ta' kunfidenza li t-testers għandhom fejn għandha x'taqsam il-kondizzjoni tajba tas-sistema tal-brejkijiet;
- (16) Filwaqt li l-preskrizzjoni tal-valuri ta' referenza tal-forza tal-brejkijiet għal kondizzjonijiet varji ta' tagħbija għal kull mudell ta' vettura għandha tgħin biex tinġieb lura dik il-kunfidenza; filwaqt li din id-Direttiva tagħmel possibbli t-testing taħt dan ir-reġim bħala alternattiva għat-testing kontra l-valuri minimi ta' prestazzjoni għal kull kategorija ta' vettura;
- (17) Filwaqt li fejn għandhom x'jaqsmu s-sistemi ta' brejkijiet l-iskop ta' din id-Direttiva għandu x'jaqsmu l-aktar mal-vetturi li ngħataw l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent skond id-Direttiva 71/320/KEE ⁽¹⁾ għalkemm hu magħruf li ċerti tipi ta' vettura ngħataw din l-approvazzjoni skond l-istandards nazzjonali li jistgħu jvarjaw mill-ħtiġiet ta' din id-Direttiva;
- (18) Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jestendu l-iskop tat-test tal-brejkijiet biex jinkludu vetturi jew oġġetti ta' test barra l-iskop ta' din id-Direttiva;
- (19) Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu t-test ta' brejkijiet iktar iebs jew iżidu l-frekwenza tat-testing;
- (20) Filwaqt li din id-Direttiva hi intenzjonata żżomm l-emissjonijiet flivell baxx tul il-ħajja utli ta' vettura permezz ta' testijiet regolari ta' l-emissjonijiet ta' l-exhaust u tassigura li l-vetturi li jniġġsu ħafna jkunu rtirati mis-servizz sakemm jinġabu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni;
- (21) Filwaqt li l-intunar ħażin u l-manutenzjoni inadegwata huma ta' detriment mhux biss għall-magna imma wkoll għall-ambjent ladarba jikkawżaw żieda fit-tniġġiż u fil-konsum tal-karburant; filwaqt li hu importanti li trasport favorevoli għall-ambjent jiġi żviluppatt;
- (22) Filwaqt li fil-każ ta' magni li jaqdbu bil-kompressjoni (diżil) il-kejl ta' l-opaċità tad-dħaħen ta' l-exhaust hu meqjus li jkun indikatur adegwat tal-kondizzjoni ta' l-istat ta' manutenzjoni tal-vettura, fejn għandhom x'jaqsmu l-emissjonijiet;
- (23) Filwaqt li għall-magni ta' taqbid pożittiv (petrol) il-kejl ta' l-emissjonijiet tal-monossidu tal-carbon mill-pajp ta' l-exhaust meta l-magna tkun imqabba huma meqjusa li jkunu indikatur adegwat ta' l-istat tal-manutenzjoni tal-vettura, fejn għandhom x'jaqsmu l-emissjonijiet;
- (24) Filwaqt li r-rata ta' falliment fit-testijiet ta' l-emissjoni ta' l-exhaust għall-vetturi li ma ġewx mantnuti b'mod regolari tista' tkun għolja;
- (25) Filwaqt li fil-każ ta' vetturi b'magna tal-petrol li l-istandards ta' l-approvazzjoni tat-tip tagħhom jispeċifikaw li għandhom ikunu mgħammra b'sistemi avvanzati tal-kontroll ta' l-emissjonijiet bħal konvertituri katalitiċi *three-way* li huma kkontrollati b'*lambda-probe*, l-istandards tat-test ta' l-emissjoni regolari għandhom ikunu iktar iebsa mill-vetturi konvenzjonali;
- (26) Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu, jekk xieraq, jeskludu mill-iskop ta' din id-Direttiva ċerti vetturi li huma kkunsidrati ta' interess storiku; filwaqt li jistgħu ukoll jistabbilixxu l-istandards ta' testing tagħhom stess għal dawn il-vetturi; filwaqt li madanakollu, dan id-dritt m'għandux iwassal għall-applikazzjoni ta' standards iktar iebsa minn dawk li l-vetturi kkonċernati kienu oġġinarjament iddisinjati li jilhqgħu;
- (27) Filwaqt li għandu jkun possibbli li din id-Direttiva tiġi adattata minn żmien għal żmien biex tiegħu kont ta' l-iżviluppi fil-kostruzzjoni tal-vettura li jiffaċilitaw *testing in-service* u tal-metodi tat-test li jirriflettu iktar mill-qrib il-kondizzjonijiet attwali li fihom tintuża vettura;
- (28) Filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE ⁽²⁾ teħtieġ l-installazzjoni u l-użu ta' strumenti ta' limitazzjoni ta' veloċità f'ċerti kategoriji ta' vetturi tat-triq;

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 71/320/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-istrumenti tal-brejkijiet ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 202, tas-6.9.1971, p. 37). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 91/442/KEE (ĠU L 233, tat-22.8.1991, p. 21).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE ta' l-10 ta' Frar 1992 dwar l-installazzjoni u l-użu ta' strumenti għal-limitazzjoni ta' veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur fil-Komunità (ĠU L 57, tat-2.3.1992, p. 27).

- (29) Filwaqt li bi żviluppi pendenti fit-teknoloġija ta' strumenti ta' limitazzjoni ta' veloċità li jagħmluha iktar faċli li jkun hemm monitoraġġ tagħhom, ċerti partijiet ta' dawn l-istrumenti jistgħu madanakollu diġà jgħaddu minn serje ta' eżaminijiet fit-test tal-kondizzjoni tajba għas-sewqan meta dan hu possibbli;
- (30) Filwaqt li l-funzjonament tajjeb ta' l-istrumenti ta' limitazzjoni ta' veloċità hu bħalissa mħolli għall-Istati Membri li jiddeterminaw l-użu ta' kull mezz li jikkunsidraw xieraq; filwaqt li hi l-intenzjoni li jarmonizzaw il-metodi u l-istandards tat-test kif dovut;
- (31) Filwaqt li l-Kummissjoni għandha tivvaluta eżamijiet *in-service* dwar il-funzjonament korrett ta' strumenti ta' limitazzjoni ta' veloċità u tissottometti rapport lill-Kunsill; filwaqt li l-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport jiffurmaw il-bażi ta' xi proposti oħra għal bidliet fir-regoli applikabbli għal strumenti li jillimitaw il-veloċità;
- (32) Filwaqt li l-ħtiġiet tekniċi li għandhom x'jaqsmu mat-taxis u l-ambulanzi huma simili għal dawk ta' karrozzi privati; filwaqt li l-oġġetti li għandhom ikunu eżaminati jistgħu għalhekk ikunu simili, għalkemm il-frekwenza tat-testijiet hija differenti;
- (33) Filwaqt li bil-għan ta' l-impatt mistenni ta' din id-Direttiva fuq is-settur konċernat u fid-dawl tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-miżuri Komunitarji previsti f'din id-Direttiva huma neċessarji biex tkun akkwistata l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar testijiet tal-kondizzjoni tal-vetturi għas-sewqan, biex tkun ipprevenuta d-distorzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-*hauliers* tat-triq u jkun garantit l-eżami kif suppost u l-manutenzjoni tal-vetturi; filwaqt li dawn il-miri ma jistgħux jinkisbu kompletament mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment;
- (34) Filwaqt li din id-Direttiva ma tagħmel ebda differenza għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw l-iskadenzi għat-trasportazzjoni fil-liġi nazzjonali u għall-implimentazzjoni tad-Direttivi li ġew imħassra,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IL-KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 1

1. F'kull Stat Membru, il-vetturi bil-mutur irreġistrati f'dak l-Istat u l-karrijiet u s-semikarrijiet tagħhom għandhom jgħaddu minn testijiet perjodiċi tal-kondizzjoni tajba għas-sewqan skond din id-Direttiva u b'mod partikolari l-Annessi I u II tagħha.

2. Il-kategoriji tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati, il-frekwenza tat-testijiet tal-kondizzjoni tajba għas-sewqan u l-oġġetti li għandhom jiġu ttestjati huma mniżżla fl-Annessi I u II.

L-Artikolu 2

It-testijiet tal-kondizzjoni tajba għas-sewqan previsti f'din id-Direttiva għandhom jitwettqu mill-Istat, jew minn korp pubbliku mogħti x-xogħol mill-Istat jew minn korpi jew stabbilimenti maħtura u direttament immexxija mill-Istat, inklużi korpi privati awtorizzati kif dovut. B'mod partikolari, meta stabbilimenti maħtura bħala ċentri ta' testing tal-vetturi jistgħu ukoll iwettqu tiswijiet fuq vetturi bil-mutur, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jassiguraw l-oġġettività u l-kwalità għolja tat-testing tal-vettura.

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu dawk il-miżuri li jqisu neċessarji biex ikun possibbli li jippruvaw li vettura għaddiet mit-test ta' kondizzjoni tajba għas-sewqan li jikkonforma ma' mill-inqas id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Dawn il-miżuri għandhom jiġu kkomunikati lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

2. Kull Stat Membru għandu, fuq l-istess bażi daqs li kieku hu stess ħareġ il-prova, jagħraf il-prova maħruġa fi Stat Membru ieħor li turi vettura bil-mutur irreġistrata fit-territorju ta' dak l-Istat l-ieħor flimkien mal-karru jew is-semi karru tiegħu, li jkunu għaddew it-test ta' kondizzjoni tajba għas-sewqan li jikkonforma ma' mill-inqas id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw proċeduri xierqa biex jistabbilixxu, sa fejn hu prattikabbli, li l-*performance* tal-brejkijiet tal-vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom tilħaq il-ħtiġiet speċifikati f'din id-Direttiva.

IL-KAPITOLU II

Eċċezzjonijiet u derogi

L-Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom ikollhom id-dritt li jeskludu mill-iskop ta' din id-Direttiva vetturi li jappartjenu għall-forzi armati, għall-forzi tal-liġi u ta' l-ordni u għas-servizz kontra n-nar.

2. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-Kummissjoni, jeskludu mill-iskop ta' din id-Direttiva jew soġġett

għad-dispożizzjonijiet speċjali, ċerti vetturi operati jew użati f'kondizzjonijiet eċċezzjonali u vetturi li qatt, jew bil-kemm huma użati fuq *highways* pubbliċi, inklużi vetturi ta' interess storiku f'fabbricati qabel l-1 ta' Jannar 1960 jew li huma temporanjament irtirati miċ-ċirkolazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-Kummissjoni, jistabilixxu l-istandards ta' testing tagħhom għal vetturi kkunsidrati li huma ta' interess storiku.

L-Artikolu 5

Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi I u II, l-Istati Membri jistgħu:

- iġibu 'l quddiem id-data għall-ewwel test ta' bilfors dwar il-kondizzjoni tajba għas-sewqan u, meta approprijat, jissottomettu l-vettura għal testing qabel ir-reġistrazzjoni.
- iqassru l-intervall bejn żewġ testijiet suċċessivi ta' bilfors,
- jagħmlu t-testing tat-tagħmir mhux obligatorju ta' bilfors.
- iżidu n-numru ta' oġġetti li għandhom ikunu ttestjati,
- jestendu l-ħtieġa tat-test perjodiku għal kategoriji oħra ta' vetturi.
- jippreskrivu testijiet speċjali addizzjonali,
- jeħtieġu għal vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom standards minimi ogħla għall-effiċjenza tal-brejkijiet minn dawk speċifikati fl-Anness II u jistgħu jinkludu test fuq vetturi b'taġħbijiet itqal sakemm dawn il-ħtieġiet ma jeċċedux dawk ta' l-approvazzjoni tat-tip oriġinali tal-vettura.

L-Artikolu 6

1. B'deroga mid-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi I u II, u sa l-1 ta' Jannar 1993, l-Istati Membri jistgħu:

- jipposponu d-data ta' l-ewwel test ta' bilfors ta' kondizzjoni tajba għas-sewqan,
- jestendu l-intervall bejn iż-żewġ testijiet suċċessivi ta' kondizzjoni tajba għas-sewqan,
- inaqqsu n-numru ta' oġġetti li għandhom ikunu ttestjati,
- jemendaw il-kategoriji ta' vetturi soġġetti għal testijiet ta' bilfors dwar il-kondizzjoni tajba għas-sewqan,

sakemm il-vetturi kummerċjali ħfief kollha msemija fit-taqsim 5 ta' l-Anness I huma meħtieġa jgħaddu minn testijiet ta' kondizzjoni tajba għas-sewqan skond din id-Direttiva qabel dik id-data.

Madanakollu, fl-Istati Membri fejn ma kien hemm ebda sistema ta' testing regolari ta' kondizzjoni tajba għas-sewqan paragu-

nabli għal dak intenzjonat minn din id-Direttiva għal din il-kategorija ta' vetturi fit-28 ta' Lulju 1988, il-paragrafu 1 għandu japplika sa fl-1 ta' Jannar 1995

2. Fejn għandhom x'jaqsmu karrozzi privati msemija fit-taqsim 6 ta' l-Anness I, il-paragrafu 1 għandu japplika sa fl-1 ta' Jannar 1994.

Madanakollu, fl-Istati Membri fejn ma kien hemm ebda sistema ta' testing regolari tal-kondizzjoni tajba għas-sewqan paraganabli għal dak intenzjonat minn din id-Direttiva għal din il-kategorija ta' vetturi fil-31 ta' Diċembru 1991, il-paragrafu 1 għandu japplika sa fl-1 ta' Jannar 1998.

IL-KAPITOLU III

Dispożizzjonijiet finali

L-Artikolu 7

1. Il-Kunsill, f'azzjoni fuq maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta d-Direttivi separati neċessarji biex jiġu definiti l-istandards minimi u l-metodi għat-testing ta' l-oġġetti mniżżla fl-Anness II.

2. Kull emenda neċessarja biex jiġu adattati l-istandards u l-metodi definiti fid-Direttivi separati għall-progress tekniku għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8.

L-Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat dwar l-adattament għall-progress tekniku tad-Direttiva dwar testijiet dwar il-kondizzjoni għal fuq it-triq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, hawnhekk iżjed il quddiem magħrufa bħala "l-Kumitat" li għandu jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-Istati Membri b'rappreżentant tal-Kummissjoni li jippresjedi.

2. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jikkonsenja l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fi limitu ta' żmien li l-President jista' jqiegħed skond l-urġenza tal-kwistjoni. L-opinjoni għandha tiġi kkonsenjata mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill hu meħtieġ li jaddotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu peżati bil-mod stabbilit fl-Artikolu msemmi fuq. Il-President m'għandux jivvota.

4. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri previsti jekk huma skond l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Jekk il-miżuri previsti mhumiex skond l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ebda opinjoni ma hi kkonsenjata, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien, tissottometti lill-Kunsill proposta li għandha x'taqsam mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq maġ-
ġoranza kkwalifikata.

Jekk, fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tal-proposta lill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998, tissottometti rapport lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tat-testing tal-kondizzjoni tajba għas-sewqan ta' karrozzi privati, akkumpanjata minn proposta meqjusa neċessarja, b'referenza partikolari għall-frekwenza u l-kontenut tat-testijiet.

2. Sa mhux iktar tard minn tliet snin wara l-introduzzjoni tat-testing regolari ta' strumenti għal-limitazzjoni tal-veloċità, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk, fuq il-bażi ta' l-esperjenza akkwistata, it-testijiet stabbiliti huma suffiċjenti biex jgħarrfu strumenti tal-limitazzjoni tal-veloċità difettużi jew manipulati jew jekk ir-regoli jeħtieġ li jkunu emendati.

L-Artikolu 10

Id-Direttivi mniżżla fl-Anness III, il-parti A huma hawnhekk imħassra mid-data indikata fl-Artikolu 11, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw l-iskadenzi għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni stabbilita fl-Anness III, il-Parti B.

Referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehem b'hal referenza għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabelli ta' korrelazzjoni stabbiliti fl-Anness IV.

L-Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mid-9 ta' Marzu 1998. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fis-settur iggvernati minn din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarja biex jimplimentaw is-sistema ta' testijiet stabbilita f'din id-Direttiva. Il-miżuri addotati għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u disswasivi..

L-Artikolu 12

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 13

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

S. BARRETT

L-ANNESS I

**IL-KATEGORIJI TA' VETTURI SOĠĠETTI GĦAL TESTIJET TA' KONDIZZJONI TAJBA GĦAT-TRIQ
U L-FREKWENZA TAT-TESTIJET**

Il-Kategoriji tal-vettura	Il-Frekwenza tat-testijiet
1. Vetturi bil-mutur użati għat-trasport ta' passiġġieri u b'iktar minn tmien siġġijiet, bl-esklużjoni tas-siġġu tax-xufier	Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena
2. Vetturi bil-mutur użati għat-trasport tal-merkanzija u li jkollhom massa massima permissibbli li teċċedi 3 500 kg	Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena
3. Karrijiet u semi-karrijiet b'massa massima permissibbli li teċċedi 3 500 kg	Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena
4. Taxis, ambulanzi	Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena
5. Vetturi bil-mutur li jkollhom mill-inqas erba' roti, normalment użati għat-trasport bit-triq ta' merkanzija u b'massa massima permissibbli li ma teċċedix 3 500 kg, bl-esklużjoni ta' tratturi u makkinarju agrikolu	Erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata imbagħad wara kull sentejn
6. Vetturi bil-mutur li jkollhom mill-inqas erba' roti, użati għat-trasport ta' passiġġieri u b'mhux iktar minn tmien siġġijiet, bl-esklużjoni tas-siġġu tax-xufier	Erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata mbagħad wara kull sentejn

L-ANNEX II

OĠĠETTI LI GĦANDHOM JIĠU TTESTJATI TA' BILFORS

It-test għandu jkopri mill-inqas l-oġġetti mniżżla hawn taħt, sakemm dawn huma relatati mat-tagħmir obligatorju tal-vettura li qed tiġi ttestjata fl-Istat Membru kkonċernat.

It-testijiet koperti minn dan l-Anness jistgħu jitwettqu viżwalment mingħajr disassemblaġġ tal-partijiet tal-vettura.

Meta jinstab li l-vettura hi difettuża fejn għandhom x'jaqsmu l-oġġetti tat-test hawn taħt, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jadottaw proċedura biex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li taħtom il-vettura tista' tintuża qabel ma tgħaddi test ieħor ta' kondizzjoni tajba għat-triq.

VETTURI FKATEGORIJI 1, 2, 3, 4, 5 U 6

1. Sistemi ta' ibbrekjar

L-oġġetti li ġejjin għandhom ikunu inklużi fit-test ta' kondizzjoni tajba għat-triq tas-sistemi ta' ibbrekjar tal-vettura. Ir-riżultati ġodda miksuba waqt l-iċċekkjar fuq is-sistemi ta' ibbrekjar għandhom ikunu ekwivalenti sa fejn hu possibbli għar-rekwiżiti tekniċi tad-Direttiva 71/320/EEC ⁽¹⁾.

Oġġetti li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati	Raġunijiet għall-falliment
1.1. Il-kondizzjoni mekkanika u l-operazzjoni	
1.1.1. Il-fus tal-pedala tal-brejkijiet tas-saqajn	<ul style="list-style-type: none"> – issikkat wisq – il-bearing użat ħafna – utilizz/użu eċċessiv
1.1.2. Il-kondizzjoni tal-pedala u t-travel ta' l-istrument li jopera l-brejkijiet	<ul style="list-style-type: none"> – travel ta' riserva eċċessiva jew insuffiċjenti – il-kontroll tal-brejkijiet li ma jirrilaxxax kif suppost – id-dispożizzjoni kontra ż-żliq nieqsa minn fuq il-pedala tal-brejkijiet, maħlula jew lixxa daqs kemm użata
1.1.3. Il-pompa tal-vakwu jew il-kumpressur u d-depożitu	<ul style="list-style-type: none"> – il-ħin użat għall-formazzjoni tal-pressjoni ta' l-arja/il-vakwu għall-operazzjoni effettiva tal-brejkijiet hu eċċessiv – pressjoni ta' l-arja insuffiċjenti/vakwu biex jassisti għal mill-inqas żewġ applikazzjonijiet tal-brejkijiet wara li l-istrument ta' avviż ikun opera (jew gauge li juri qari mhux ta' min joqgħod fuqu) – leakage ta' l-arja li jikkawża waqa' notevoli fil-pressjoni jew leakages ta' l-arja li jinstemgħu
1.1.4. Indikatur jew gauge ta' avviż ta' pressjoni baxxa	<ul style="list-style-type: none"> – indikatur tal-malfunzjoni jew li jindika pressjoni baxxa/gauge tal-pressjoni ta' l-arja

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 71/320/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-istrumenti tal-brejkijiet ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 202, tas-6.9.1971, p. 37). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 91/442/KEE (ĠU L 233, tat-22.8.1991, p. 21).

Oġġetti li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati	Raġunijiet għall-falliment
1.1.5. Il-valvola ta' kontroll tal-brejkijiet operata bl-idejn	<ul style="list-style-type: none"> - kontroll imxaqqaq jew imħassar, użu eċċessiv - il-malfunzjoni tal-valvola ta' kontroll - il-kontroll mhux sikur fuq il-fus tal-valvola jew l-unità tal-valvola mhix sikura - konnessjonijiet maħlula jew xaqq fis-sistema - operazzjoni mhux sodisfaċenti
1.1.6. Il-brejk ta' l-ipparkjar, il-kontroll tal-lieva, ir-ratchet tal-brejk ta' l-ipparkjar	<ul style="list-style-type: none"> - ir-ratchet tal-brejk ta' l-ipparkjar li ma jżommx kif suppost - użu eċċessiv fil-fus tal-lieva jew fil-mekkaniżmu tar-ratchet - moviment eċċessiv tal-lieva li tindika aġġustament inkorrett
1.1.7. Il-valvoli tal-brejkijiet (il-valvoli tas-saqajn, unloaders, gvernaturi, eċċ.)	<ul style="list-style-type: none"> - leakage ta' l-arja eċċessiva, mħassra - skarika eċċessiva ta' żejt mill-kumpressur - immuntar mhux sikur/inadegwat - skarika tal-fluwidu idrawliku tal-brejkijiet
1.1.8. Agganċjar għall-brejkijiet tal-karrijiet	<ul style="list-style-type: none"> - tappijiet ta' isolament difettużi jew valvola għas-siġill tagħha stess - immuntar mhux sikur/inadegwat - leakages eċċessivi
1.1.9. Depożitu ta' tank tal-pressjoni għall-irfiġh ta' l-enerġija	<ul style="list-style-type: none"> - imħassra, imsadda, leaking - l-istrument tad-drenaġġ inoperattiv - immuntar mhux sikur/inadegwat
1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, il-mastruċilindru (sistemi idrawliċi)	<ul style="list-style-type: none"> - l-unità servo hi difettuża jew mhux effettiva - il-mastruċilindru difettuż jew leaking - il-mastruċilindru mhux sikur - kwantità insuffiċjenti tal-fluwidu tal-brejkijiet - it-tapp tad-depożitu tal-mastruċilindru nieqes - il-bozza ta' avviż tal-fluwidu tal-brejkijiet miżgħula jew difettuża - funzjoni inkorretta ta' l-istrument ta' avviż tal-livell tal-fluwidu tal-brejkijiet
1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet	<ul style="list-style-type: none"> - riskju ta' falliment jew frattura - leaks minn pajpijiet jew konnessjonijiet għall-igganċjar - imħassra jew imsadda eċċessivament - spustjati
1.1.12. Hoses flessibbli tal-brejkijiet	<ul style="list-style-type: none"> - riskju ta' falliment jew frattura - imħassra, chafing, il-hoses tal-brejkijiet qosra wisq, mgħawġa - leaks minn hoses jew l-agganċjar - hose minfuħ taħt pressjoni - il-porosità
1.1.13. Koperturi tal-brejkijiet (sponoż bħala nforra)	<ul style="list-style-type: none"> - użu eċċessiv - ikkontaminat (żejt, griż, eċċ.)

Oġġetti li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati	Raġunijiet għall-falliment
1.1.14. Drums tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet	<ul style="list-style-type: none"> - użu żejjed, brix eċċessiv, xquq, mhux marbutin tajjeb jew maqsumin - kontaminati (żejt, griż, eċċ) - plejt ta' wara mhux marbut tajjeb
1.1.15. Kejbels tal-brejk, vireg u fejn jaqbad il-liver	<ul style="list-style-type: none"> - kejbils mħassra, mgħaqqda - mikula eċċessivament jew msadda - ġonta tal-kejbil jew virga mhux marbuta sew - il-gwida tal-kejbil difettuż - kull restrizzjoni għal-libertà taċ-ċaqlieq tas-sistema tal-brejkijiet.
1.1.16. Actuators tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawkiċi tar-rotta)	<ul style="list-style-type: none"> - maqsum jew imħassar - iqattar - mhux marbut sew mhux biżżejjed - imsaddad iżżejjed - il-pistin operattiv jew il-mekkaniżmu tad-dijaframma jiċċaqlqu żżejjed
1.1.17. Valv li jħoss it-tagħbija	<ul style="list-style-type: none"> - fejn jitqabbad ikun difettuż - aġġustament skorrett - issijżjat, ma jaħdimx - mhux f'postu
1.1.18. Slack adjusters awtomatiċi li jindikaw	<ul style="list-style-type: none"> - moviment anormali jew issijżjat, użu żejjed jew aġġustament ħażin - difettuż
1.1.19. Sistema ritardanti (meta mgħammra jew meħtieġa)	<ul style="list-style-type: none"> - konnetturi jew <i>mountings</i> mhux siguri - difettuża
1.2. Prestazzjoni u effiċjenza tas-service brejk	
1.2.1. Prestazzjoni (miżjuda progressivament għas-saħħa massima)	<ul style="list-style-type: none"> - mhux biżżejjed saħħa fuq rota waħda jew iżjed - saħħa minn kull rota hija anqas minn 70 % ta' l-aktar saħħa rreġistrata minn rota oħra fuq l-istess assi. Fil-każ ta' testjar fit-triq, id-devjazzjoni minn linja dritta ta' vettura hija eċċessiva - l-ebda varjazzjoni gradwali tas-saħħa ta' l-ibbrekjar (<i>ħtif</i>) - żmien żejjed fl-operazzjoni tal-brejk f'xi rota - varjazzjoni eċċessiva tas-saħħa tal-brejk minħabba diski mgħawġa jew drummijiet ovali

Oġġetti li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati	Raġunijiet għall-falliment
1.2.2. L-effiċjenza	<ul style="list-style-type: none"> – proprzjon ta' brejkijiet li għandu x'jaqsam mal-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semi-karrijiet, mas-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus meta Prattikabbli, naqqas dawn li ġejjin: l-effiċjenza minima tal-brejkijiet kategorija 1: 50 % ⁽¹⁾ kategorija 2: 43 % ⁽²⁾ kategorija 3: 40 % ⁽³⁾ kategorija 4: 50 % kategorija 5: 45 % ⁽⁴⁾ kategorija 6: 50 % – jew sforz ta' brejkijiet inqas mill-valuri ta' referenza jekk speċifikati mill-fabbrikant tal-vettura għall-fus tal-vettura ⁽⁵⁾
1.3. Il- <i>performance</i> sekondarju (ta' emerġenza) tal-brejk u l-effiċjenza (jekk milħuqa minn sistema separata)	
1.3.1. L-atteġġjament	<ul style="list-style-type: none"> – l-brejk inoperattiv fuq naħa waħda – l-isforz tal-brejk minn kull rota huwa inqas minn 70 % ta' l-ogħla sforz irregiſtrat minn rota oħra fuq l-istess fus – ebda varjazzjoni gradwali ta' l-effiċjenza (ħtif) – is-sistema awtomatika tal-brejkijiet mhix taħdem fil-każ ta' karrijiet
1.3.2. L-Effiċjenza	<ul style="list-style-type: none"> – għall-kategoriji kollha tal-vetturi, proprzjon ta' brejkijiet inqas minn 50 % ⁽⁶⁾ ta' l-atteġġjament tas-servizz tal-brejkijiet definit fi 1.2.2. fejn għandha x'taqsam il-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semi-karrijiet, is-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus
1.4. L-atteġġjament tal-brejk ta' l-ipparkjar u l-effiċjenza	
1.4.1. L-atteġġjament	<ul style="list-style-type: none"> – il-brejk inoperattiv fuq naħa waħda
1.4.2. L-effiċjenza	<ul style="list-style-type: none"> – għall-kategoriji kollha tal-vettura, proprzjon tal-brejkijiet ta' inqas minn 16 % fejn għandha x'taqsam il-massa massima awtorizzata, jew, għal vetturi bil-mutur, inqas minn 12 % fejn għandha x'taqsam il-massa massima awtorizzata ta' kombinazzjoni tal-vettura, tkun liema tkun l-ikbar
1.5. Ir-Ritardatur jew l-atteġġjament tas-sistema tal-brejk ta' l-exhaust	<ul style="list-style-type: none"> – ebda varjazzjoni gradwali ta' effiċjenza (ritardatur) – difettuż
1.6. Il-brejk kontra s-sokor	<ul style="list-style-type: none"> – il-malfunzjoni ta' l-istrument ta' avviż kontra s-sokor – difettuż

⁽¹⁾ 48 % għal-vetturi tal-kategorija 1 li ma jkollhomx ABS, jew approvati skond it-tip qabel l-1 ta' Ottubru 1991 (id-data tal-projibizzjoni ta' l-ewwel tqegħid f'ċirkolazzjoni mingħajr l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE) (Id-Direttiva 71/320/KEE, kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 88/194/KEE, ĠU L 92, tad-9.4.1988, p. 47).

⁽²⁾ 45 % għal vetturi rregiſtrati wara l-1988 jew mid-data ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva 71/320/KEE, kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 85/647/KEE (ĠU L 380, tal-31.12.1985, p. 1), taħt il-leġislazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri, tkun liema tkun l-iktar tard.

⁽³⁾ 43 % għal semi-karrijiet u karrijiet bid-draw-bar irregiſtrati wara l-1988 jew mid-data ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva 71/320/KEE, kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 85/647/KEE, taħt il-leġislazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri, tkun liema tkun l-iktar tard.

⁽⁴⁾ 50 % għall-kategorija 5 tal-vetturi rregiſtrati wara l-1988 jew mid-data ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva 71/320/KEE, kif emendat mid-Direttiva tal-Kummissjoni 85/647/KEE, taħt il-leġislazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri, tkun liema tkun l-iktar tard.

⁽⁵⁾ Il-valur ta' referenza għall-fus tal-vettura hu l-isforz tal-brejkijiet (espress fi newtoni) neċessarju biex tiġi akkwistat l-forza minima preskritta tal-brejkijiet bil-piż partikolari li bih il-vettura hi ppreżentata.

⁽⁶⁾ Għal-vetturi tal-kategoriji 2 u 5 l-atteġġjament minimu sekondarju tal-brejkijiet għandu jkun 2,2 m/s² (la l-atteġġjament sekondarju tal-brejkijiet ma kienx kopert mid-Direttiva 71/320/KEE, kif emendat mid-Direttiva tal-Kummissjoni 85/647/KEE).

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3	VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6
<p>2. It-tmexxija u l-istearing</p> <p>2.1. Il-kondizzjoni mekkanika 2.2. L-istearing 2.3. It-tmexxija ta' l-istearing 2.4. Il-bearings ta' l-istearing</p>	<p>2. It-tmexxija</p> <p>2.1. Il-kondizzjoni mekkanika 2.2. It-tmexxija ta' l-istearing 2.3. L-attachment tas-sistema ta' tmexxija</p>
<p>3. Il-Viżibilità</p> <p>3.1. L-ispazju tal-viżjoni 3.2. Il-Kondizzjoni tal-ħġieġ 3.3. Il-merja li juru wara 3.4. Il-wajpers tal-windscreen 3.5. Dawk li jaħslu l-windscreen</p>	<p>3. Il-Viżibilità</p> <p>3.1. L-ispazju tal-viżjoni 3.2. Il-Kondizzjoni tal-ħġieġ 3.3. Il-merja li juru wara 3.4. Il-wajpers tal-windscreen 3.5. Dawk li jaħslu l-windscreen</p>
<p>4. Fanali, rifletturi u tagħmir elettriku</p> <p>4.1. Fanali ta' dawl ewlieni u dawl baxx 4.1.1. Il-Kondizzjoni u l-operazzjoni 4.1.2. L-Allinjament 4.1.3. L-Iswiċċijiet 4.1.4. L-effiċjenza viżwali</p>	<p>4. It-tagħmir tad-dawl</p> <p>4.1. Fanali ta' dawl ewlieni u dawl baxx 4.1.1. Il-Kondizzjoni u l-operazzjoni 4.1.2. L-Allinjament 4.1.3. L-Iswiċċijiet</p>
<p>4.2. Il-fanali tal-ġenb u l-fanali li jimmarkaw il-linja ta' barra</p> <p>4.2.1. Il-Kondizzjoni u l-operazzjoni 4.2.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali</p>	<p>4.2. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni, il-kondizzjoni tal-lenti, il-kulur u l-effiċjenza viżwali ta':</p> <p>4.2.1. L-fanali tal-ġenb u ta' wara 4.2.2. Il-fanali tal-waqfien 4.2.3. Il-fanali li jindikaw id-direzzjoni 4.2.4. Il-fanali ta' riserva 4.2.5. Il-fanali taċ-ċpar 4.2.6. Il-fanali tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara 4.2.7. Ir-Retro-rifletturi 4.2.8. Il-fanali <i>hazard</i> ta' avviż</p>
<p>4.3. Il-fanali tal-waqfien</p> <p>4.3.1. Il-Kondizzjoni u l-operazzjoni 4.3.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali</p>	
<p>4.4. Il-fanali ta' indikazzjoni tad-direzzjoni</p> <p>4.4.1. Il-Kondizzjoni u l-operazzjoni 4.4.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali 4.4.3. L-iswiċċijiet 4.4.4. Il-frekwenza li biha jixxegħlu u jitfu</p>	
<p>4.5. Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem u wara</p> <p>4.5.1. Il-Pożizzjoni 4.5.2. Il-Kondizzjoni u l-operazzjoni 4.5.3. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali</p>	

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3	VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6
4.6. Il-fanali ta' wara 4.6.1. Il-Kondizzjoni u l-operazzjoni 4.6.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali	
4.7. Il-fanali tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara	
4.8. Ir-Retro-rifletturi – il-kondizzjoni u l-kulur	
4.9. It-Telltales	
4.10. Il-konnessjonijiet elettriċi bejn il-vettura li tiġbed u l-karru jew is-seni-karru	
4.11. Il-wiring elettriku	
5. Il-fusijiet, ir-roti, it-tyres, is-suspenxin	5. Il-fusijiet, ir-roti, it-tyres, is-suspenxin
5.1. Il-fusijiet	5.1. Il-fusijiet
5.2. Ir-roti u t-tyres	5.2. Ir-roti u t-tyres
5.3. Is-suspenxin	5.3. Is-suspenxin
6. Ix-Chassis u l-attachments tax-chassis	6. Ix-Chassis u l-attachments tax-chassis
6.1. Ix-Chassis jew il-frejms u l-attachments 6.1.1. Il-kondizzjoni ġenerali 6.1.2. Il-pajpijiet ta' l-exhaust u s-silencers 6.1.3. It-tank tal-karburant jew il-pajpijiet 6.1.4. Il-proprjetajiet ġeometriċi u l-kondizzjoni ta' l-istrument ta' protezzjoni ta' wara, trakkijiet tqal 6.1.5. It-trasportatur tar-rotta żejda 6.1.6. Il-mekkaniżmu ta' l-agganċjar fuq vetturi li jiġbdu, karrijiet u semi-karrijiet	6.1. Ix-Chassis jew il-frejms u l-attachments 6.1.1. Il-kondizzjoni ġenerali 6.1.2. Il-pajpijiet ta' l-exhaust u s-silencers 6.1.3. It-tank tal-karburant jew il-pajpijiet 6.1.4. It-trasportatur tar-rotta żejda 6.1.5. Is-Sigurtà tal-mekkaniżmu ta' l-agganċjar (jekk imwaħħal)
6.2. Il-kabina u x-xogħol fuq il-korp 6.2.1. Il-kondizzjoni ġenerali 6.2.2. L-immuntar 6.2.3. Il-bibien u s-serraturi 6.2.4. L-Art 6.2.5. Is-siġġu tax-xufier 6.2.6. Ir-Running boards	6.2. Ix-xogħol fuq il-korp 6.2.1. Il-kondizzjoni strutturali 6.2.2. Il-Bibien u s-serraturi
7. Tagħmir ieħor	7. Tagħmir ieħor
7.1. Iċ-ċinturini ta' sigurtà	7.1. L-immuntar tas-siġġu tax-xufier

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3	VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6
7.2. L-estintur tan-nar	7.2. L-Immuntar tal-batterija
7.3. Is-serraturi u strument kontra s-serq	7.3. L-istrument ta' avviż li jinstama'
7.4. It-trianglu ta' avviż	7.4. It-trianglu ta' avviż
7.5. Il-kit ta' l-ewwel għajnuna 7.5.1. Is-sigurtà ta' l-immuntar 7.5.3. L-Operazzjoni	7.5. Iċ-ċinturini ta' sigurtà 7.5.2. Il-Kondizzjoni taċ-ċinturini
7.6. Iċ- <i>chock(s)</i> tar-roti	
7.7. L-istrument ta' avviż li jinstama'	
7.8. L-Ispidometru	
7.9. It-Takografu (il-preżenza ta', u l-integrità tas-siġilli) <ul style="list-style-type: none"> – eżamina il-validità tal-pjanċa tat-takografu jekk meħtieġ mir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 ⁽¹⁾ – eżamina, jekk f'dubju, jekk iċ-ċirkomferenza nominali tad-daqs tar-roti taqbel mad-data mogħtija fuq il-pjanċa tat-takografu – meta prattiku, eżamina li s-siġilli tat-takografu u, meta approprijat, kull mezz ieħor ta' protezzjoni tal-konnessjonijiet kontra manipulazzjoni frawdolenti huma intatti 	
7.10. L-istrument tal-limitazzjoni tal-veloċità <ul style="list-style-type: none"> – meta possibbli, eżamina jekk il-limitatur tal-veloċità hu mwaħħal kif meħtieġ mid-Direttiva 92/6/KEE ⁽²⁾ – eżamina l-validità tal-pjanċa tal-limitatur tal-veloċità – meta prattiku, eżamina li s-siġilli tal-limitatur tal-veloċità u, meta approprijat, kull mezz ieħor ta' protezzjoni tal-konnessjonijiet kontra manipulazzjoni frawdolenti huma intatti 	
8. Dwejjaq	8. Dwejjaq
8.1. Storbju	8.1. Storbju

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar tagħmir ta' reġistrazzjoni fit-trasport tat-triq (ĠU L 370, tal-31.12.1985, p. 8). Kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni(KE) Nru 2479/95 (ĠU L 256, tas-26.10.1995, p. 8).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE ta' l-10 ta' Frar 1992 dwar l-installazzjoni u l-użu ta' strumenti tal-limitu tal-veloċità għal ċertu kategoriji tal-vetturi bil-mutur fil-Komunità (ĠU L 57, tat-2.3.1992, p. 27).

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2, 3, 4, 5 U 6

8.2. Emissjonijiet ta' l-exhaust

8.2.1. Vetturi bil-mutur mgħammra b'magni bil-mutur li jaqbd u b'mod pożittiv (petrol)

(a) Meta l-emissjonijiet ta' l-exhaust mhumiex ikkontrollati minn sistema ta' kontroll avvanzata ta' l-emissjoni bħal konvertitur katalitiku *three-way* li hu kkontrollat b'*lambda* probe:

1. Ispezzjoni viżwali tas-sistema ta' *exhaust* sabiex jiġi eżaminat li ma hemm ebda *leakages*.
2. Jekk xieraq, spezzjoni viżwali tas-sistema ta' kontroll ta' emissjoni sabiex ikun eżaminat li t-tagħmir meħtieġ ġie mqiegħed.

Wara perjodu raġjonevoli tal-kondizzjonament tal-magna (wara li jitqiesu ir-rakkomandazzjonijiet tal-fabbrikant tal-vettura) il-kontenut tal-monossidju tal-carbon (CO) tal-gassijiet ta' l-exhaust hu mkejje meta l-magna hi mqabbd (b'ebda tagħbija).

Il-kontenut massimu permissibbli CO fil-gassijiet ta' l-exhaust hu dak dikjarat mill-fabbrikant tal-vettura Fejn din l-informazzjoni mhijiex disponibbli jew meta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jiddeċiedu li ma jużawhiex bħala valur ta' referenza, il-kontenut CO m'għandux jeċċedi dan li ġej:

- għal vetturi rreġistrati jew imqiegħda fis-servizz għall-ewwel darba bejn id-data li minnha l-Istati Membri ħtieġu l-vetturi jikkonformaw mad-Direttiva 70/220/KEE ⁽¹⁾ u l-1 ta' Ottubru 1986: CO – 4,5 % vol,
- għal vetturi rreġistrati jew imqiegħda fis-servizz għall-ewwel darba wara l-1 ta' Ottubru 1986: CO – 3,5 % vol.

(b) Meta l-emissjonijiet ta' l-exhaust huma kkontrollati minn sistema ta' kontroll ta' emissjoni avvanzata bħal konvertitur katalitiku *three-way* li hu kkontrollat b'*lambda* probe:

1. pezzjoni viżwali tas-sistema ta' l-exhaust sabiex ikun eżaminat li ma hemm ebda *leakages* u li l-partijiet kollha huma kompluti.
2. pezzjoni viżwali tas-sistema ta' l-emissjoni tal-kontroll sabiex ikun eżaminat li t-tagħmir meħtieġ ġie mqiegħed.
3. Determinazzjoni ta' l-effiċjenza tas-sistema ta' kontroll ta' emissjoni tal-vettura bil-kejl tal-valur *lambda* u l-kontenut CO tal-gassijiet ta' l-exhaust skond it-taqsim 4 jew mal-proċeduri proposti mill-fabbrikanti u approvati fil-ħin ta' l-approvazzjoni tat-tip. Għal kull wieħed mit-testijiet il-magna hi kkontrollata skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-fabbrikant tal-vettura.

4. L-emissjonijiet ta' l-exhaust mill-pajp – valuri limiti

- Kejl tal-veloċità tal-magna mqabbd:

Il-kontenut massimu permissibbli CO fil-gassijiet tal-exhaust hu dak dikjarat mill-fabbrikant tal-vettura. Fejn din l-informazzjoni mhijiex disponibbli, il-kontenut massimu CO m'għandux jeċċedi 0,5 % vol.

- Kejl tal-veloċità għolja tal-magna mqabbd, il-veloċità tal-magna għandha tkun mill-inqas 2 000 min⁻¹:

il-kontenut CO: 0,3 % vol massimu

Lambda: 1 ± 0,03 skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-fabbrikant.

8.2.2. Vetturi bil-mutur mgħammra b'magni li jaqbd u bil-kompressjoni (diżil)

Kejl ta' l-opaċità tal-gass ta' l-exhaust b'aċċelerazzjoni ħielsa (ebda tagħbija minn meta l-vettura titqabbd sal-veloċità *cut-off*). Il-livell ta' konċentrazzjoni m'għandux jeċċedi l-livell irreġistrat fuq il-panċa skond id-Direttiva 72/306/KEE ⁽²⁾. Meta din l-informazzjoni mhijiex disponibbli jew meta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jiddeċiedu ma jużawhiex bħala referenza, il-valuri limiti tal-koeffiċjent ta' l-assorbiment huma kif ġej:

Il-koeffiċjent massimu ta' l-assorbiment għal:

- magni tad-diżil aspirati b'mod naturali = 2,5 m⁻¹,
- magni tad-diżil turbo = 3,0 m⁻¹,

jew valuri ekwivalenti meta jsir użu ta' tagħmir ta' tip differenti minn dak użat għall-approvazzjoni tat-tip KE

Vetturi rreġistrati jew imqiegħda fis-servizz għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dawn il-ħtiġijiet.

8.2.3. It-tagħmir tat-test

L-emissjonijiet tal-vetturi huma ttestjati bl-użu ta' tagħmir iddisinjat biex jistabbilixxi b'mod eżatt jekk kienx hemm konformità mal-valuri limiti preskritti jew indikati mill-fabbrikant.

8.2.4. Meta, tul l-approvazzjoni tat-tip KE, tip ta' vettura jinstab li ma ssodisfatx il-valuri limiti stabbiliti minn din id-Direttiva, l-Istati Membri jstgħu jqiegħdu valuri limiti għal dik it-tip ta' vettura fuq il-bażi ta' xhieda fornita mill-fabbrikant. Għandhom imbagħad jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom u hi imbagħad għandha tinforma l-Istati Membri l-oħra.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn emissjonijiet minn vetturi bil-mutur (ĠU L 76, tad-9.3.1970, p. 1) u l-korriġendum (ĠU L 81, tal-11.4.1970, p. 15), kif l-aħħar emendat mill-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 94/12/KE (ĠU L 100, tad-19.4.1994, p. 42).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE tat-2 ta' Awwissu 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni tat-tniġġis minn magni tad-diżil għal użu f'vetturi (ĠU L 190, ta' l-20.8.1972, p. 1), id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 89/491/KEE (ĠU L 238, tal-15.8.1989, p. 43).

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3	VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6
8.3. Is-soppressjoni ta' l-interferenza tar-radju	
9. Testijiet supplimentari għal vetturi tat-trasport pubbliku	
9.1. Ħruġ ta' emerġenza (inklużi mrijetel għat-tkissir ta' twieqi), sinjali li jindikaw ħruġ ta' emerġenza	
9.2. Is-sistema tas-sħana	
9.3. Is-sistema ta' ventilazzjoni	
9.4. Id-distribuzzjoni tas-siġġijiet	
9.5. Id-dawl ta' ġewwa	
10. L-identifikazzjoni tal-vettura	10. L-identifikazzjoni tal-vettura
10.1. Il-pjanċa ta' reġistrazzjoni	10.1. Il-pjanċa ta' reġistrazzjoni
10.2. In-Numru tax-chassis	10.2. In-Numru tax-chassis

L-ANNEX III

IL-PARTI A

Direttivi Mħassra

(imsemmija fl-Artikolu 10)

Id-Direttiva tal-Kunsill 77/143/KEE tad-29 ta' Diċembru 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' testijiet għall-kondizzjoni tajba għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom u d-Direttivi li jemendaw dik id-Direttiva:

- id-Direttiva tal-Kunsill 88/449/KEE,
- id-Direttiva tal-Kunsill 91/225/KEE,
- id-Direttiva tal-Kunsill 91/328/KEE,
- Direttiva tal-Kunsill 92/54/EEC,
- Direttiva tal-Kunsill 92/55/EEC,
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/23/KE.

IL-PARTI B

Id-Direttiva	Skadenzi	
	għat-traspożizzjoni	għall-implimentazzjoni
77/143/KEE (ĠU L 47, tat-18.2.1977, p. 47)	fil-31 ta' Diċembru 1977.	fil-31 ta' Diċembru 1977.
88/449/KEE (ĠU L 222, tat-12.8.1988, p. 10)	fit-28 ta' Lulju 1990.	fit-28 ta' Lulju 1990.
91/225/KEE (ĠU L 103, tat-23.4.1991, p. 3)	fl-1 ta' Jannar 1992	fl-1 ta' Jannar 1992
91/328/KEE (ĠU L 178, tas-6.7.1991, p. 29)	fl-1 ta' Lulju 1993	fl-1 ta' Lulju 1993
92/54/KEE (ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 63)	fit-22 ta' Ġunju 1993.	fit-22 ta' Ġunju 1993.
92/55/KEE (ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 68) għall-vetturi msemmija fit-taqsimha 8.2.1(a) ta' l-Anness II: għall-vetturi msemmija fit-taqsimha 8.2.2 ta' l-Anness II għall-vetturi msemmija fit-taqsimha 8.2.1(b) ta' l-Anness II:	fit-22 ta' Ġunju 1993.	fl-1 ta' Jannar 1994 fl-1 ta' Jannar 1996 fl-1 ta' Jannar 1997
94/23/KE (ĠU L 147, ta' l-14.6.1994, p. 6)	fl-1 ta' Jannar 1997	fl-1 ta' Jannar 1997

L-ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI NTRU 1

Din id-Direttiva	77/143/KEE	88/449/KEE	91/225/KEE	91/328/KEE	92/54/KEE	92/55/KEE	94/23/KEE
L-Artikolu 1(1)	L-Artikolu 1						
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 2(1)						
L-Artikolu 2	L-Artikolu 4						
L-Artikolu 3(1)(1)	L-Artikolu 5(1)						
L-Artikolu 3(1)(2)	L-Artikolu 5(2)						
L-Artikolu 3(2)	L-Artikolu 5(3)						
L-Artikolu 3(3)							L-Artikolu 2
L-Artikolu 4(1)	L-Artikolu 2(2)						
L-Artikolu 4(2)	L-Artikolu 2(3)						
L-Artikolu 4(3)							L-Artikolu 4
L-Artikolu 5 (inċiżi 1 sa 6)	L-Artikolu 3						
L-Artikolu 5 (inċiż 7)							
L-Artikolu 6(1)	L-Artikolu 7(1)	L-Artikolu 1(1)					
L-Artikolu 6(2)				L-Artikolu 1(1)			
L-Artikolu 7(1) u (2)			L-Artikolu 1				

Din id-Direttiva	77/143/KEE	88/449/KEE	91/225/KEE	91/328/KEE	92/54/KEE	92/55/KEE	94/23/KEE
L-Artikolu 8(1) sa (4)			L-Artikolu 1	L-Artikolu 3			
L-Artikolu 9(1)							
L-Artikolu 9(2)							
L-Artikolu 10							
L-Artikolu 11(1)	L-Artikolu 6	L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2 (1 sa 3)	L-Artikolu 5(1)
L-Artikolu 11(2)		L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 2(2)		L-Artikolu 5(2)
L-Artikolu 11(3)							
L-Artikolu 12						L-Artikolu 2(4)	
L-Artikolu 13							

TABELLA TA' KORRELAZZJONI Nru 2

(kategoriji ta' vetturi suġġetti għal testijiet ta' kondizzjoni tajba għas-sewqan)

Din id-Direttiva	77/143/KEE	88/449/KEE	91/225/KEE	91/328/KEE	92/54/KEE	92/55/KEE	94/23/KEE
L-Anness 1	L-Anness 1						
II-kategorija 1	II-kategorija 1						
II-kategorija 2	II-kategorija 2						
II-kategorija 3	II-kategorija 3						
II-kategorija 4	II-kategorija 4						
II-kategorija 5		L-Artikolu 1(2)					
II-kategorija 6				L-Artikolu 1(2)			

TABELLA TA' KORRELAZZJONI Nru 3

Din id-Direttiva	77/143/KEE	88/449/KEE	91/225/KEE	91/328/KEE	92/54/KEE	92/55/KEE	94/23/KE
L-Anness II (*)	L-Anness II						
Nota introduttoria 1	Nota introduttoria 1				L-Artikolu 1(1)		
Nota introduttoria 2					L-Artikolu 1(1)		
Nota introduttoria 3							
Il-Punt 1					L-Artikolu 1(1)		
Il-Punt 1.2							
Il-Punt 1.2.1							L-Artikolu 1
Il-Punt 1.2.2							
Il-Punt 1.3					L-Artikolu 1(1)		
Il-Punt 1.3.1							
Il-Punt 1.3.2							L-Artikolu 1
Il-Punt 1.4					L-Artikolu 1(1)		
Il-Punt 1.4.1							
Il-Punt 1.4.2							L-Artikolu 1
Il-Punt 1.5					L-Artikolu 1(1)		
Il-Punt 1.6							
Il-Punt 2		L-Artikolu 1(3)					
Il-Punt 7.8							
Il-Punt 7.9 (titolu) (inċiżi 1 sa 3)	L-Artikolu 1(3)						
Il-Punt 7.10 (inċiżi 1 sa 3)							
Il-Punt 8		L-Artikolu 1(3)					
Il-Punt 8.1							
Il-Punt 8.2							
Il-Punt 8.2.4						L-Artikolu 1(1)	
Il-Punt 8.3		L-Artikolu 1(3)					
Il-Punt 10.2							

(*) NB: Il-Kategorija 4 (taxis u ambulanzi) hi trasferita mill-kolonna tan-naħa tax-xellug għal dik tan-naħa tal-lemin (mal-kategoriji 5 u 6) fl-Anness II.